MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2002

Rikors Numru. 48/2002/1

**Joseph Borg flimkien ma' martu Josephin Borg ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Francis sive Frank Vella**

Il-Bord,

Ra r-rikors

1. Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-fond ossija 'garage' ossija mahzen bin-numru mija u tmintax (118), Triq il-Kostituzzjon, Mosta bil-kera annwa ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem.

2. Illi l-esponenti odjerni kienu pprezentaw rikors quddiem dan l-Onorabbli Bord (rikors fl-ismijiet "Joseph Borg et –vs- Francis sive Frank Vella" Rikors Nurmu 51/97JC) illi

permezz tieghu kienu talbu li jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-fond '*de quo'* stante illi, '*inter alia'*, l-intimat ma kienx ghadu qieghed jaghmel uzu mill-fond lilu mikri u ghall-iskop li ghalih inkera.

3. Illi fir-risposta tieghu ghall-imsemmi rikors, l-intimat odjern kien tenna illi huwa kien u ghadu juza l-fond in kwistjoni bhala mahzen u li f'dan il-fond huwa kellu merkanzija.

4. Illi in sostenn ta' din is-sottomissjoni tieghu, l-intimat odjern kien ipproduca bhala xhud lil certu Saviour Borg illi jahdem mas-socjeta' 'J.P. Baldacchino & Co. Ltd', liema xhud spjega illi huwa kien jiehu xoghol 'irqieq' fil-hanut li jiggestixxi l-intimat filwaqt illi xoghol 'goff' kien imur ihottu fil-mahzen in kwistjoni.

5. Illi indubbjament din ix-xhieda ta' persuna indipendenti mill-partijiet illi kkonferma l-uzu tal-fond in kwistjoni bhala mahzen illi gewwa fih kien jinhatt xoghol 'goff' kellha portata importanti hafna tant illi anke fis-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord fit-28 ta' Marzu, 2001 saret riferenza ghax-xhieda tal-imsemmi Saviour Borg bhala sors ta' konferma tal-'garage' in kwistjoni bhala mahzen ghall-merkanzija.

6. Illi bis-sentenza minnu moghtija fit-28 ta' Marzu, 2001, dan l-Onorabbli Bord cahad it-talbiet tal-esponenti ghar-ripreza tal-fond 'de quo' u l-izgumbrament tal-intimat mill-istess, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fid-9 t' Ottubru, 2001.

7. Illi sussegwentement l-esponenti kkonfermaw illi ma kienx minnu illi qieghed isir uzu mill-fond in kwistjoni bhala mahzen (tant illi lanqas servizz ta' dawl u ilma ma kien hemm fl-isemmi fond, illi kien priv ukoll minn kwalsijasi sigurta' anke l-izjed bazika, trattandosi ta' mahzen (*sic*), anzi kien jintuza unikament ghall-iskop li tigi garaxxjata vettura) u di piu' saru jafu wkoll illi x-xhieda moghtija mill-imsemmi Saviour Borg kienet wahda falza stante illi huwa ma jahdimx mas-socjeta' 'J.B. Baldacchino & Co. Ltd'. bhala 'salesman' ossija 'deliveryman' u cioe' persuna illi

jahdem fuq barra u jmur jikkonsenja x-xoghol lill-klijenti ta' din is-socjeta' izda biss bhala 'store officer' fuq gewwa, u kwindi certament li mhuwiex minnu illi l-imsemmi Saviour Borg kien imur jikkonsenja x-xoghol lill-intimat, kif minnu konfermat bil-gurament fix-xhieda minnu moghtija quddiem dan l-Onorabbli Bord.

8. Illi ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jintavolaw dan l-odjern rikors ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-intimat ottjena gudizzju favorevoli ghalih a bazi ta' dikjarazzjoni falza minnu maghmula korroborata minn xhieda falza moghtija mill-imsemmi Saviour Borg, u l-esponenti qeghdin jirrizervaw id-dritt taghhom ukoll illi jistitwixxu proceduri quddiem il-qorti kompetenti ghall-hlas tad-danni u ta' penali a tenur tal-imsemmi artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti jitolbu umilment lil dan l-Onorabbli Bord, prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja-

(i) jiddikjara illi s-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord fit-28 ta' Marzu, 2001 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2001 kienet imsejsa fuq dikjarazzjoni falza tal-intimat kif korroborata minn xhieda falza moghtija mix-xhud Saviour Borg minnu prodott, u li ghaldaqstant dan il-gudizzju huwa impunibbli a tenur tal-artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) jiddikjara illi l-intimat mhuwiex qieghed jaghmel uzu mill-fond ossija 'garage' bin-numru mija u tmintax (118), Triq il-Kostituzzjoni, Mosta ghall-uzu illi ghalih l-imsemmi fond gie mikri;

(iii) jawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendu l-pussess vakant tal-imsemmi fond; u

(iv) jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond ossija 'garage' 118, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u dan fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat u b'rizerva ghall-istituzzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tad-danni u l-penali a tenur tal-artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-<u>risposta</u>.

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jecceppixxi n-nullita' tal-azzjoni kif proposta, stante illi ghalkemm ir-rikorrenti talbu lill-Bord jiddikjara illi s-sentenza ritrattanda hija impunibbli, ma talbux espressament illi s-sentenza impunjata tigi **revokata,** u ghalhekk dan l-Onorabbli Bord ma jistax jaghti sentenza galadarba ma hemmx talba *ad hoc.*

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrenti naqsu li jitolbu illi jsir is-smiegh mill-gdid, u minflok talbu dikjarazzjoni fuq mertu li huwa ezawrit u jikkostitwixxi *res judicata*.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-allegazzjoni mressqa mir-rikorrenti, u cioe' illi d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera kif konfermata mill-Qorti tal-Appell hija msejsa fuq dikjarazzjoni falza tal-esponenti kif ukoll fuq xhieda falza tax-xhud Saviour Borg, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, il-fond in kwistjoni dejjem intuza mill-esponenti ghall-iskop intiz, u cioe' dak ta' mahzen, u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda t-tienu sar-raba' talba.

Ra l-verbal tal-20 ta' Mejju, 2002.

Ra l-atti.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati.

Ikkunsidra,

1. Il-Bord ser jghaddi biex jikkunsidra l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat:

“in-nullita’ tal-azzjoni kif proposta, stante illi ghalkemm ir-rikorrenti talbu lill-Bord jiddikjara illi s-sentenza ritrettande hija impunibbli, ma talbux espressament illi s-sentenza impunjata tigi revokata, u ghalhekk il-Bord ma jistax jaghti sentenza galadarba ma hemmx talba *ad hoc*”.

2. Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-art. 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“Jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, l-parti kuntrarja tista taghmel talba lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors……”.

3. Meta gie promulgat l-ewwel Att dwar ir-rilokazzjoni tal-fondi beltin, l-Att Nru 1 tal-1925, li kien jirregola bhal ligijiet ta’ wara, kemm it-tehid lura ta’ fond u hemm il-kondizzjonijiet tat-tigdid meta taghlaq kirja kurrenti gie imdahhal f’dak l-Att artikolu finali wiehed gereniku, jigifieri l-art 25:

“se risultasse che alcune delle parti avra’ ottenuto dalle Commissione una decisione favorevole in conseguenza di falsa esposizione da essa fatta, l’altre parte avra’ il diritto di domandare innanzi la stessa Commissione l’annullamento di detta decisione e sara’ intitolata a procedere contre le prima innanzi alla Corte Competente di ordinarie giurisdizione per ottonere oltre il risarcimento dei danni anche il pagamento di una penale non eccedente lire sterline cinquante”.

4. Dan l-att gie sostitwit bl-Att XXIII tal-1929 li fih zewg klawzoli penali separati, dik ta’ l-art 14 u dik tal-art 51.

5. L-art 14 kien jiddisponi:

“Nel caso che il locatore avesse ottenuto possesso del fondo ai termini dell’art. 12(b) e si provi che vi sia stata similazione o frode il locatore sara’ tenuto a pagare al

Conduttore che avesse lasciato il fondo invece dei danni una penale non eccedente Lm200 da essere stabbilita della Giunta.

6. L-art 51 kien jiddisponi:

“Qualora fosse a risultare che alcuna delle parti abbia ottenuto una favorevole decisione della Giunta in Conseguenza di false dichiarazioni da lei fatte sara’ lecito alla controparte di fare domanda alla Giunta per la ritrattazione del ricorso, e’ di istituire procedimento dinanzi ad una corte competente all’oggetto di ottonere invece dei danni il pagamento di una penale non accedente due cento lira da essere stabilite della Corte.

7. L-art 12 u 43 tal-Kap 109 (illum 11 u 42 tal-Kap 69) kienu jirriproducu kwazi kelma b’kelma l-art 14 u 51 imsemmija, bid-differenza illi fl-art 43 il-penali sa mitejn lira hija zieda ghad-danni.

8. Il-Bord bhala qorti ta’ l-ewwel grad ghandu s-setgha ukoll li jisma’ kawzi ta’ smiegh mill-gdid jew ritrattazzjoni skond l-art 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Huwa minnu li fit-Titolu IV – Fuq ir-Ritrattazzjoni (Kap 12) l-art 811 jghid li f’kawzi ta’ ritrattazzjoni l-ewwel stadju hu t-thassir ta’ l-ewwel sentenza. Dan il-kliem ma jissemmix fl-art 42 imma l-art 42 hu xorta dwar “smiegh mill-gdid” jew b’Malti Taljanizzat “ritrattazzjoni”. Xorta trid issir l-ewwelnett talbta ghat-thassir ta’ l-ewwel sentenza. Il-gurisprudenza tghallem:

“Il giudizzio di ritrattazione ha un duplice oggetto: quello di far annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato e l’altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un’altra sentenza. E si compone di due stadi distinti da non confondere, l’uno call’altro, detti dai pratici il “RESCINDENTE” e “il RESCISSORIO” (Vol XXII –11 – 235).
(ghall-gabra ta’ gurisprudenza ara ‘Brincat noe vs Mizzi noe’ App 24/4/96; ‘Farrugia vs Aquilina’, App 28/2/97 u

‘Supermarkets (1960) Limited vs Cachia pro et noe’, Bord li Jirregola l-Kera 22/11/01.

10.Il-kliem uzat fir-rikors ‘previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja’ u ‘dan il-gudizzju huwa impunibbli a tenur tal-art 42 tal-Kap 69 …..’ ma jistax jigi accettat bhala li jfisser it-thassir ta’ sentenza moghtija qabel (ara gurisprudenza fuq imsemmija). Din m’hiex kwistjoni ta’ kliem.

Ghalhekk il-Bord jilqa’ l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat, jiddikjara l-azzjoni irrita u nulla u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gjudizzju; l-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------